MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 519/2003

**Antoine Bartolo**

**vs**

**Public Cleaners Co-Operative Limited**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u mitejn u tmenin lira Maltin (Lm2,280) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000) hlas dovut lill-attur b’segwitu ta’ ftehim milhuq mas-socjeta’ konvenuta ghall-gbir ta’ skart ghall-perijodu ta’ xahrejn darbtejn kuljum b’vettura proprjeta’ ta’ l-attur, u in kwantu ghal mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) rapprezentanti paga ta’ xahar.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-17 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------